**L-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji**
Għajnuna sabiex il-familji jagħmlu arranġamenti
għat-tfal tagħhom

Cafcass
L-ewwel it-tfal
fil-qrati tal-familja

X’inhu l-Cafcass?

Il-ħidma tas-Servizz ta’ Konsulenza u Appoġġ tal-Qorti tat-Tfal u l-Familji – (*Children and Family Court Advisort and Support Service – Cafcass*) – hija li tissalvagwardja[1] u tippromwovi l-benesseri tat-tfal li huma involuti fi proċeduri tal-qrati tal-familja. Aħna naħdmu mat-tfal u l-familji tagħhom, fejn niżguraw li t-tfal isemmgħu leħinhom u li jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tagħhom.

Aħna nagħtu pariri lill-qrati sabiex id-deċiżjonijiet li jagħmlu jkunu fl-aħjar interessi tat-tfal. Aħna indipendenti mill-qrati, is-servizzi soċjali[2], l-awtoritajiet tal-edukazzjoni u s-saħħa u l-aġenziji simili kollha. Aħna naħdmu biss fil-qrati tal-familja. Dawn mhumiex qrati kriminali.

[1] L-Att dwar it-Tfal tal-2004 (*Children Act 2004*) iqiegħed dover statutorju fuq il-korpi u l-aġenziji li jaħdmu mat-tfal sabiex jagħmlu arranġamenti għas-salvagwardja u l-promozzjoni tal-benesseri tat-tfal, b’mod partikolari f’termini li jkunu b’saħħithom, siguri, igawdu u jiksbu, jagħtu kontribut pożittiv u jiksbu benesseri ekonomiku.

[2] F’dan il-fuljett, it-terminu ‘servizzi soċjali’ jirreferi għall-ħidma tal-awtoritajiet lokali fil-qadi tal-funzjoni tagħhom tas-servizzi soċjali, u b’mod partikolari l-kura soċjali tat-tfal.

X'inhuma l-Uffiċjali tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji u x'jagħmlu?

L-Uffiċjali tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji huma mħarrġa u għandhom esperjenza f'ħidma mat-tfal u l-familji. F'ħafna qrati huma jiġu mitluba jgħinu lil familji sabiex jippruvaw jaqblu fuq l-arranġamenti għat-tfal tagħhom. Jekk ma jintlaħaqx ftehim, l-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji jista' jiġi mitlub biex:

- ikompli jaħdem mal-familja biex tinstab soluzzjoni għal kwistjonijiet pendenti, u/jew
- jiġbor informazzjoni u jikteb rapport għall-qorti.

X'jiġri waqt l-Ewwel Seduta (*First Directions Hearing*)?

Waqt l-Ewwel Seduta l-qorti tieħu deċiżjonijiet dwar kif għandha tipproċedi bl-applikazzjoni li tkun saret dwar it-tfal. Tkun deċiża wkoll skeda għall-każ. Is-seduta ssir fil-qorti u għaliha jkun hemm preżenti l-partijiet għall-każ, ir-rappreżentanti legali tagħhom u uffiċjal tal-qorti. F'ħafna qrati jkun disponibbli Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji biex jattendi l-Ewwel Seduta. Aspetti oħrajn li jiġu kkunsidrati f'din is-seduta jinkludu:

- kwalunkwe kwistjoni dwar is-sigurtà tat-tfal, u

- il-possibbiltà li jintlaħaq ftehim bejn il-paritjiet mingħajr ma jitkompla l-każ fil-qorti.

Kif jippruvaw jilħqu ftehim?

Il-qorti tistaqsi lill-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji biex jiltaqgħu miegħek u l-ġenitur jew il-parti l-oħra għall-proċeduri biex jara jekk tistax tinstab soluzzjoni u jintlaħaq ftehim. Jista' jiġi propost li ssir laqgħa konġunta iżda dejjem għandek id-dritt li jarak waħdek. Kultant tista' tkun mitlub biex iġġib lit-tifel jew it-tfal tiegħek għal-laqgħa jew jistgħu jsiru arranġamenti biex dawn jiġu kkonsultati separatament. Dan jiddependi fuq l-iskema lokali għar-riżoluzzjoni ta' tilwim, in-natura tal-applikazzjoni u l-età tat-tfal.

F'ħafna każijiet waqt il-laqgħa jintlaħaq ftehim fuq il-kwistjonijiet kollha jew uħud minnhom. Il-qorti tista' mbagħad tippermetti tul ta' żmien sabiex tara jekk il-ftehim jaħdimx. Jekk ma jistax jintlaħaq ftehim relattivament malajr l-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji jista' jussiġġerixxi li jsiru sessjonijiet ulterjuri biex jippruvaw isolvu d-diffikultajiet. Dawn jistgħu jsiru f'wieħed mill-uffiċċji tagħna minflok fil-qorti.

**Cafcass** L-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji

L-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji jista' jissuġġerixxi wkoll li l-medjazzjoni tista' tkun ta' għajnuna. Il-medjazzjoni hija proċess volontarju li fih il-ġenituri jistgħu jiltaqgħu ma' persuna indipendenti biex jippruvaw isolvu t-tilwim. Il-laqgħat tal-medjazzjoni huma kunfidenzjali sakemm iż-żewġ ġenituri ma jaqblux li l-informazzjoni għandha titqassam jew jekk il-mejatur jaħseb li għandha tinġabar aktar informazzjoni għas-salvagwardja tat-tfal.

Kemm il-laqgħat għar-riżoluzzjoni ta' tilwim u dawk ta' medjazzjoni jagħtuk l-opportunità biex titkellem, u biex tisimgħu l-opinjoni ta' xulxin. Dawn jistgħu jgħinukom tirranġaw dak li huwa l-aħjar għal uliedkom aktar milli tkun il-qorti li tagħmel id-deċiżjoni għalikom.

X'jiġri jekk xorta ma nistgħux nilħqu ftehim?

Jekk ma tinstabx soluzzjoni għall-kwistjonijiet, il-qorti ġeneralment tistaqsi lill-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji biex jagħmel aktar xogħol jew jiġbor informazzjoni u jikteb rapport dwar dak li huwa jaħseb li hu l-aħjar għat-tfal. Ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-informazzjoni li tkun inġabret u jagħmel rakkommandazzjoni pożittiva dwar l-aħjar mod kif għandkom tipproċedu. Dan jista' jinkludi aktar ħidma mal-familja tiegħek. Ġeneralment rapport jieħu madwar għaxar ġimgħat biex jitħejja. Għadu komuni ħafna li jintlaħaq ftehim matul dak iż-żmien. Meta r-rapport jitlesta, dan jintbagħat lill-qorti. Jintbagħat ukoll lill-avukat tiegħek jekk għandek wieħed, jew direttament lilek jekk m'għandekx.

Lil min ikun irid ikellem l-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji?

Għall-ewwel l-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji jeħtieġ li jkellem lilek u l-parti l-oħra fil-proċeduri. Jekk hemm kwistjonijiet li jista' jkun hemm vjolenza jew ħsara fuq il-persuna, mela għall-bidu jarakhom individwalment u mbagħad flimkien, jekk xieraq u jekk it-tnejn taqblu. L-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji jkun irid ukoll jiltaqa' u jitkellem mat-tfal tagħkom. Sabiex tiddeċiedi x'inhu l-aħjar għat-tfal il-qorti teħtieġ li tkun taf x'inhuma x-xewqat u s-sentimenti tagħhom. Huwa parti mir-rwol tal-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji li jgħid lill-qorti dawn x'inhuma.

Barra milli jitkellem mat-tfal tiegħek, miegħek u mal-parti l-oħra fil-proċeduri, l-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-familji kultant jeħtieġ ukoll li jkellem lil persuni oħrajn li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwarek jew it-tfal tiegħek. Dawn jistgħu jkunu, pereżempju, tabib, għalliem, ħaddiem tas-saħħa jew ħaddiem soċjali. Il-qorti tista' titlob li tkun ikkuntattjata persuna partikolari. L-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji jgħarrfek lil min ser ikellem u jitolbok għall-qbil tiegħek, jekk meħtieġ.

*Huwa normali li tintalab informazzjoni mill-pulizija, is-servizzi soċjali (inkluż ir-reġistru għall-ħarsien tat-tfal* [child protection register]*) u li tintwera informazzjoni diġà miżmuma mill-Cafcass.*

Dak li ngħid lill-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji huwa kunfidenzjali?

Kwalunkwe informazzjoni li tagħti lill-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji tista' tkun inkluża fir-rapport tiegħu lill-qorti, u l-informazzjoni tista' tingħata lil ħaddieħor għal skopijiet oħrajn. Pereżempju, xi drabi jkun meħtieġ li tingħata informazzjoni lil aġenzija oħra jekk hemm tħassib dwar salvagwardja tat-tfal. Barra dan, aħna awtorizzati li nagħmlu riċerka li tkun ta' benefiċċju għat-tfal u l-familji u minn żmien għal ieħor l-informazzjoni tiegħek tista' tintuża b'mod anonimu f'riċerka bħal din.

Ikolli niltaqa' mal-ġenitur jew l-adult l-ieħor involut?

Le, jekk ma tridx. Tista' tkun proposta laqgħa konġunta, iżda dejjem għandek id-dritt li jarawk waħdek.

Il-qorti tagħmel dak li jixtieq it-tifel tiegħi?

Il-qorti tqis ix-xewqat u s-sentimenti tat-tfal, filwaqt li tikkunsidta l-età u l-fehim tagħhom. Madankollu, meta tieħu deċiżjoni, il-qorti tista' ma tagħmilx dak li jixtieq it-tifel iżda tipprova tagħmel dak li taħseb li huwa l-aħjar għat-tifel tiegħek.

Il-qorti dejjem timxi skont il-pariri mogħtija mill-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji?

Hija l-qorti li tiddeċiedi x'se jiġri, iżda l-qorti tqis sewwa dak li jgħid l-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji. Jekk il-qorti ma taqbilx ma dak li jkun irrikkmanda l-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji, hija tispjega għaliex.

L-opinjonijiet tiegħi jkunu meqjusa?

Aħna nilqgħu kull kumment dwar is-servizzi u l-attivitajiet kollha tagħna għaliex din hija parti importanti biex niżviluppaw u ntejbu s-servizz tagħna. Nixtiequ nisimgħu mingħand dawk kollha li użaw is-servizz tagħna – tfal u żgħażagħ, ġenituri, qraba, qrati u aġenziji oħrajn.

Dawn il-kummenti jistgħu jkunu:

- **Kumment** dwar il-linji politiċi tagħna jew il-prassi ta' ħidma tagħna jew kwalunkwe aspett ieħor tas-servizz
- **Kumpliment** dwar il-ħidma tagħna jew Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji individwali
- **Ilment** dwar kwalunkwe aspett tal-kuntatti tiegħek magħna.

Aħna nirreġistraw, nissorveljaw u nirrevedu l-kummenti, il-kumplimenti u l-ilmenti kollha dwar is-servizzi tagħna, u r-riżultati jkunu ppubblikati fir-Rapport Annwali tagħna.

**Cafcass** L-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji

Fl-interessi sabiex niżviluppaw is-servizz jew għal skopijiet ta' riċerka, nistgħu nerġgħu nikkuntattjawk biex niksbu l-opinjonijiet tiegħek ladarba l-proċeduri jintemmu.

Kif nibgħat lura kummenti u kumplimenti?

Għaddi l-kummenti jew il-kumplimenti tiegħek (preferibbilment bil-miktub) lill-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji kkonċernat, jew ibgħathom lill-maniġer lokali tal-Cafcass fl-indirizz fuq wara ta' dan il-fuljett. Tista' wkoll tibgħat il-kummenti jew l-opinjonijiet tiegħek lill-uffiċċju nazzjonali tagħna permezz ta' email fuq:
yourviews@cafcass.gov.uk

Meta jintemm il-każ tiegħek tista' titlob laqgħa għal kummenti mal-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji involut fil-każ tiegħek jew mal-maniġer tiegħu.

X'jiġri jekk m'hiniex sodisfatt bis-servizz li jipprovdi l-Cafcass?

Aħna nippruvaw nipprovdu standard għoli ta' servizz fil-proċeduri kollha tal-familja, u biex nagħtu leħen lit-tfal fi żmien kritiku f'ħajjithom. Huwa importanti għalina li nkunu nafu meta l-utenti tas-servizz jemmnu li ma lħaqniex dawn l-objettivi.

Għandna proċedura ta' ilment li hija mfassla sabiex tiżgura li l-ilmenti huma solvuti kemm huwa possibbli b'mod mgħaġġel, ġust u effettiv. Se ssegwi introduzzjoni dwar il-proċedura ta' ilment. Il-proċedura sħiħa hija spjegata f'fuljett għall-utenti tas-servizz[3], li huwa disponibbli mill-uffiċċju lokali tiegħek tal-Cafcass jew li tista' ssibu fit-taqsima *Informazzjoni* tal-websajt tagħna fuq: www.cafcass.gov.uk

U jekk nixtieq nippreżenta lment?

L-ewwel nett, dejjem għandek tinforma lill-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji kkonċernat jekk m'intix sodisfatt dwar kwalunkwe aspett tas-servizz. Jista' jkun hemm opportunità biex jitranġaw l-affarijiet. Alternattivament tista' titlob laqgħa għal kummenti fit-tmiem tal-każ tiegħek kif spjegat fil-paġna ta' qabel.

Jekk ma tixtieqx tagħmel dan u minflok tixtieq tipproċedi u tippreżenta lment, mela kkuntattja lill-maniġer lokali tal-Cafcass mill-aktar fis possibbli.

*Jekk ma taqbilx mal-kontenut tar-rapport, ġeneralment ikun aħjar jekk tqajjem dan quddiem seduta tal-qorti.*

[3] Your Views Count – How to make a comment, compliment or complaint about our work

*Mhuwiex possibbli li tibdel ir-riżultat tad-deċiżjoni tal-qorti billi tippreżentalna lment. Jekk ma taqbilx mad-deċiżjoni meħuda mill-qorti jeħtieġ li tieħu parir legali dwar possibbiltà ta' appell kontra d-deċiżjoni tal-qorti.*

Huwa importanti li tinnota li hemm limiti ta' żmien li fihom nistgħu naċċettaw ilmenti. Għall-adulti dan huwa fi żmien tliet xhur minn meta jseħħ l-avveniment jew l-inċident. Jekk jogħġbok irreferi għall-fuljett *Your Views Count* għal dettalji sħaħ dwar dawn il-limiti ta' żmien.

Tista' tistenna li tirċievi riċevuta tal-ilment tiegħek mingħandna fi żmien ħames ġranet tax-xogħol.

Ilmenti mingħand tfal jistgħu jiġu ppreżentati fi kwalunkwe stadju. Tifel li jixtieq jippreżenta lment ikun offrut l-appoġġ ta' avukat indipendenti matul il-proċess.

Sigurtà tat-tfal

Aħna nagħmlu kontrolli ma' aġenziji oħrajn biex insiru nafu jekk it-tfal humiex f'riskju ta' ħsara sinifikanti. Din tinkludi fejn it-tfal kienu xhieda ta' vjolenza domestika. Kontrolli ta' rutina jsiru mill-pulizija, is-servizzi soċjali u r-Reġistru għall-Ħarsien tat-Tfal (*Child Protection Register*). Aħna navżawk jekk ikunu meħtieġa aktar kontrolli ma' aġenziji addizzjonali (pereż. tobba, skejjel). L-informazzjoni tintuża fit-tħejjija ta' rapport għall-qorti u tista' titqassam ukoll mas-servizzi soċjali.

Aħna ma nappoġġawx arranġamenti li jqiegħdu fir-riskju s-sigurtà tat-tfal jew iż-żgħażagħ u dawk li jieħdu ħsiebhom.

Diversità

Aħna nimmiraw biex nappoġġaw il-bżonnijiet individwali tat-tfal u biex nirrispettaw u ngħożżu l-komunitajiet differenti li fihom huma jikbru. Aħna nirreġistraw u nissorverljaw informazzjoni relatata mad-diversità tal-utenti tas-servizz tagħna – bħall-oriġini etnika, l-ilsien u bżonnijiet speċjali – sabiex inkunu nistgħu kontinwament intejbu l-kwalità tas-servizz tagħna għat-tfal u l-familji tagħhom. Din l-informazzjoni tgħinna wkoll nippromwovu l-ugwaljanza razzjali u aċċess għas-servizzi, kif meħtieġ mill-Att Emendat dwar ir-Relazzjonijiet Razzjali tal-2000 (*Race Relations Amendment Act 2000*), l-Att dwar id-Diskriminazzjoni fuq bażi ta' Diżabilità tal-1995 (*Disability Discrimination Act 1995*) u l-Att dwar l-Ilsien ta' Wales (*Welsh Language Act 1993*).

Informazzjoni

Il-mod li fih niġbru, nipproċessaw u nagħmlu l-informazzjoni disponibbli huwa ggvernat mil-leġiżlazzjoni. Il-punti li ġejjin jistgħu jkunu ta' interess għalik:

- In-natura tax-xogħol tagħna teħtieġ l-ipproċessar ta' informazzjoni personali relatata mal-utenti tas-servizz tagħna. Dawn l-attivitajiet kollha jsiru f'konformità mal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Dejta tal-1998 (*Data Protection Act 1998*). L-entrata tagħna dwar ir-Reġistru tal-Protezzjoni tad-Dejta (*Data Protection Register*) tinsab fuq is-sit tal-internet: www.cafcass.gov.uk
- Taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Dejta, int intitolat biex tistaqsi għal kopji tal-informazzjoni li għandna dwarek
- Aħna impenjati li nipprovdu informazzjoni dwar is-servizz tagħna f'konformità mal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni tal-2000 (*Freedom of Information Act 2000*).

Għal aktar dettalji dwar kif aħna naħdmu f'konformità mal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Dejta jew l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, jekk jogħġbok żur it-taqsima *Informazzjoni* tal-websajt tagħna fl-indirizz: www.cafcass.gov.uk jew ikkuntattja lill-uffiċċju lokali tiegħek tal-Cafcass.

Il-websajt tagħna fih ukoll aktar informazzjoni dwar il-firxa sħiħa tas-servizzi tagħna.

L-informazzjoni f'dan il-fuljett hija wkoll disponibbli fuq awdjotejp u fil-lingwi li ġejjin:

L-Għarbi, il-Bengali, iċ-Ċiniż, il-Franċiż, il-Gujarati, il-Ħindi, il-Portugiż, il-Punġabi, it-Tork, l-Urdu u l-lingwa ta' Wales.

**Cafcass** L-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet għat-Tfal u l-Familji

www.cafcass.gov.uk

[recycle logo]
Mitbugħ fuq karta rriċiklata